VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,099, 4 ta' Dicembru, 2018
Taqsima B

A.L. 408 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-Postgraduate Certificate in Developing the Educator – P.G. Cert. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-Postgraduate Certificate in Developing the Educator – P.G. Cert. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"iċ-Ċertifikat" tfisser il-Postgraduate Certificate in Developing the Educator – P.G. Cert.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Postgraduate Certificate in Developing the Educator – P.G. Cert.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008.

L-Applikabilità

VERŻJONI ELETTRONIKA

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti jistgħu jkunu rreġistrati bħala studenti fil-Kors jekk ikollhom:

(a) il-grad ta' Bachelor of Education (Honours); jew

(b) grad tal-ewwel ċiklu flimkien ma' Postgraduate Certificate in Education; jew

(ċ) grad tal-ewwel ċiklu u/jew grad tat-tieni ċiklu jew ogħla u warrant permanenti ta' għalliem; jew

(d) kwalunkwe kwalifika ta' għalliem rikonoxxuta oħra u warrant permanenti ta' għalliem; u

(a)kwalunkwe kwalifika fl-edukazzjoni rikonoxxuta oħra li permezz tagħha wieħed ikun jista' jaħdem fl-iskejjel.

(2) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat in-numru ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jiġi mħabbar fiż-żmien meta toħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Meta l-għadd ta' applikanti jkun limitat u n-numru ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, li l-piż tagħhom għandu jkun ippubblikat fiż-żmien meta toħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) it-tip tal-grad u l-klassifikazzjoni;
(b) l-esperjenza ta' xogħol; u
(ċ) il-livell milħuq waqt intervista, jekk neċessarja.

(4) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' sa ħames snin ta' studju fuq bażi *part-time*.

(2) L-applikanti eliġibbli jistgħu jirreġistraw bħala studenti viżitaturi għal taqsimiet studju individwali u jiksbu kretti għalihom. Jekk fi żmien seba' snin minn

VERŻJONI ELETTRONIKA

meta jsegwu l-ewwel taqsima studju, l-istudenti jiġu aċċettati fil-Kors, il-Bord jista' japprova li dawn il-kretti jiġu trasferiti fir-rekord akkademiku tal-Kors tal-istudent. Il-provvedimenti dwar il-valutazzjoni mill-ġdid kif imniżżla fl-ordinament 7 hawn taħt għandhom japplikaw.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti f'għadd ta' taqsmiet studju li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS.

6. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

7. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Ir-Riżultat tar-Rikonoxximent

8. (1) Iċ-Ċertifikat jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha indikati fl-ordinament 5 b'Marka Medja Finali Mwieżna ta' mill-anqas 50%.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.